# <u>Tribunal Industrijali</u>

## <u>Deċiżjoni Preliminari Nru. 2577</u>

**Każ Nru: 3698/ET**

**Fil-Kwistjoni tax-xogħol bejn**

**Marlene Busuttil**

**u**

**Healthmark Care Services Ltd.**

*dwar : tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

***<u>Chairman</u>*****<u>: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt</u>**

<u>Raġuni għal din id-deċiżjoni preliminarja:</u>

Is-soċjeta' intimata oġġezjonat għat-tlett talbiet li għamlet ir-rikorrenti fir-rikors tagħha datat 5 ta' Novembru 2018. It-talbiet indikati huma (2) , (3) u (4) kif ġej:

(2) Jiddikjara lis- soċjeta' intimata dovuta tħallas lir-rikorrenti is-somma ta' Ewro, ħamest elef mija tlieta u tmenin, u sitta u għoxrin ċenteżmu, (€5,183.26), flimkien ma interessi legali mit-tlettax ta' Awwissu 2018.

(3) Jikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma preċitata flimkien ma interessi legali mit-tlettax ta' Awwissu 2018, u spejjeż ta' din il-kawża.

(4) Jordna lis-soċjeta' intimata sabiex tħassar ir-raġuni tat-tmiem tal-impjieg fuq l-*employment history* tagħha mogħti lil-*Jobsplus* minn dik ta' tkeċċija fuq raġunijiet "dixxiplinarji" għal dik ta' "riżenja".

Is-soċjeta' intimata iddikjarat li t-Tribunal mhux moni bil-ġuridizzjoni illi jiddeċiedi t-talbiet imsemmija u li għandu jastjeni milli jieħu konjessjoni tat-tlett (3) talbiet. Is-soċjeta' kompliet tiddikjara li dak dovut lir-rikkorenti diġa kien ġie offrut iżda ġie rrifjutat.

Kunsiderazzjoni u deċizjoni

It-Tribunal eżamina bir-reqqa l-oġġezzjoni tas-soċjeta' intimata vis a vis it-tlett talbiet in kwistjoni tar-rikorrenti.

It-Talbiet ma jidħlux fil-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u għaldaqstant qed jastjeni minnhom.

Il-Każ iżda se jitkompla fuq it-Talbiet (1) u (5) li jirreferu għal allegata tkeċċija nnifisha u likwidazzjoni ta' danni eventwali.

Illum : 28 ta' Frar, 2019

Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt

*Chairman*

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja